# Beati u Qaddisin....Awissu

30 ta' Awissu

Beatu Ewstachio van Lieshout, sacerdot



Umberto Van Lieshout twieled gewwa l-Olanda qrib Vila de Aarle Rixtel, fit-3 ta' Novembru 1890. Imheggeg mill-ispirtu tal-Beatu Damjan, l-appostlu tal-lebbruzi, fis-sena 1915 dahal fil-kongregazzjoni tal-Qlub Imqaddsa u h a l-isem religjuz ta' Ewstachio.

Erba' snin wara rcieva l-ordinazzjoni sacerdotali u hadem fid-djocesi ta' Haarlem fost ir-rifugjati belgjani, fejn malajr akkwista l-fiducja taghhom. Hadem biex idahhal il-konsagrazzjoni tal-familji lil Qalb Imqaddsa ta' Gesu' u kien jippriedka b'mod tajjeb hafna l-ezercizzji spiritwali. Fis-sena 1924 mar fil-Brazil fejn kien responsabbli mit-tmexxija tas-Santwarju Marjan fid-djocesi ta' Uberaba. Hawn dam 10 snin jahdem fost il-parruccani tieghu fejn dahhal spirtu kristjan fil-qalb tal-membri tal-parrocca. Kien kappillan mudell li gabar fama kbira ta' missier u difensurtal-fqar.

Fis-sena 1935 gie trasferit ghal Poa, parrocca qrib San Paola. Kien izur il-morda regolarment u waqqaf grotta ad unur il-Madonna ta' Lourdes. Ressaq hafna erwieh lejn Gesu' billi nissel fihom devozzjoni kbira lejn Marija u San Guzepp. Bdiet timxi x-xnigha li saru xi mirakli ta' fejqan u kull filghodu l-folla kienet tingabar biex titlob il-barka u l-gwida ta' dan is-sacerdot qaddis u spiritwali.

Il-fama tieghu bdiet tikber u s-superjuri tieghu raw li kien floku lis –sacerdot ikun trasferit ghal imkien iehor aktar fil-kwiet. Sab ruhu gewwa Patrocino fejn kien responsabbli mit-tmexxija tal-parrocca dedikata lil Kristu Re. Hemm baqa' ghal 17

il-sena sa ma miet. L-appostolat tieghu kienu zjajjar lill-morda, predikazzjoni, ezercizzji spiritwali u qrar anke sahansitra mal-lejl. Wara marda qasira ta' erbat ijiem miet f'daqqa fit-30 ta' Awissu tas-sena 1943.

Kien dikjarat beatu fil-15 ta' Gunju tas-sena 2006.